32001L0057

L 208/36 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 1.8.2001

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/57/KE.

tal-25 ta'Lulju 2001

li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE dwar l-iffissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali, fi u fuq l-oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini mill-annimali u ċerti prodotti li ġejjin mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex rispettivament

(Test b'relevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta'Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/48/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta'Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq l-oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali ([3]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/39/KE ([4]), u b'mod patrtikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 Novembru 1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq ċerti prodotti li ġejjin mill-pjanti inklużi l-frott u l-ħxejjex ([5]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/48/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([6]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2001/49/KE ([7]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f) tagħha,

Billi:

(1) Is-sostanza attiva eżistenti, *fluroxypyr*, ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/10/KE ([8]). L-ebda livell massimu armonizzat tar-residwi fil-każ ta' din is-sustanza attiva ma gie stabbilit mill-Kummissjoni. L-armonizzazzjoni tal-livelli massimi tar-residwi hija mixtieqa kemm mill-aspett tas-saħħa pubblika kif ukoll minn dak kummerċjali.

(2) Wara d-dħul tas-sustanzi fl-Anness 1, l-Istati Membri awtorizzaw għadd ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom minn din, b'konformita ma' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/414/KEE, u stabbilew livelli proviżorji massimi tar-residwa kif meħtieġ mill-Artikolu 4(1)(f). Dawn l-awtorizzazzjonijiet jikkonċernaw l-użi bħala erbiċida fil-ġonna jew bħala erbiċida ta' wara l-ħruġ fuq it-tuffieħ, iż-żebbuġ, iċ-ċereali, fil-marġ u fil-mergħat. Kif meħtieġ b'dik id-Direttiva, dawk il-livelli, u l-informazzjoni li fuqha ġew ibbażati, ġew notifikati lill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni flimkien ma' l-informazzjoni disponibbli minn sorsi oħra ġiet riveduta u hija suffiċjenti biex ikunu stabbiliti ċerti livelli massimi tar-residwu (LMR).

(3) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/363/KEE jenħtieġ li l-livelli massimi proviżorji tar-residwi għall-prodotti li ġejjin mill-annimali kif stabbilit permezz ta' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE ikunu indikati fl-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE.

(4) Ma' l-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE l-evalwazzjoni teknika u xjentifika tal-*fluoroxypyr* ġiet mitmuma fit-30 ta' Novembru 1999 fil-format tar-rapport ta' revizjoni tal-Kummissjoni għall-*fluoroxypyr*. F'dan ir-rapport tar-reviżjoni l-inġestjoni aċċettabbli ta' kulljum (IAK) ta' l-*ispiroxamine* ġiet stabbilita bħala 0,8 mg/kg bw/kull jum. L-espożizzjoni tal-konsumaturi tul ħajjithom kollha għall-prodotti ta' l-ikel ittratti bl-*fluoroxypyr* kienet stmata u kkalkulata b'konformità mal-proċeduri u l-prattiċi użati fil-Komunità Ewropea, billi ttieħed akkont tal-linji ta' ġwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ([9]) u ġie kkalkulat li l-livelli massimi ta' residwi stabbiliti minn din id-Direttiva ma joħolqux eċċessività ta' dan il-IAK.

(5) L-effetti tossiċi akuti li jenħtieġu li tkun stabbilita referenza għal doża akuta ma kinux innotati matul l-estimi u d-diskussjonijiet li saru qabel ma s-*spiroxamine* kien inkluż fl-Anness 1 tad-Direttiva 91/414/KEE.

(6) Biex ikun assigurat li l-konsumatur ikun biżżejjed protett milli jkun espost għar-residwi fi jew fuq prodotti li għalihom ma ngħatatx awtorizzazzjoni, tkun ħaġa prudenti li jkunu stabbiliti sett ta' livelli proviżorji ta' residwi lejn in-naħa l-baxxa tal-limitu tad-deteminazzjoni analitika għal dawk il-prodotti kollha koperti bid-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE. L-istabbilizzar ta' livelli Komunitarji ta' dawn il-livelli massimi proviżorji tar-residwi ma jfixklux lill-Istati Membri milli jistabbilixxu livelli massimi proviżorji tar-residwi għall-*fluoroxypyr* bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI tagħha.

(7) Erba' snin huma kkunsidrati bħala perjodu twil biżżejjed biex ikunu stabbiliti l-użi ulterjuri ta' l-*azimsulfuron* u l-kalċju tal-*prohexadione*. Wara dak il-perjodu dawn il-livelli proviżorji massimi tar-residwi għandhom isiru definittivi.

([1]) ĠU L 221, tas-7.08.86, p. 37.
([2]) ĠU L 180, tat-3.07.01, p. 26.
([3]) ĠU L 221, tas-7.08.86, p. 43.
([4]) ĠU L 148, ta' l-1.06.01, p. 70.
([5]) ĠU L 350, ta' l-14.12.90, p. 71.
([6]) ĠU L 230, tad-19.08.91, p. 1.
([7]) ĠU L 176, tad-29.06.01, p. 61.
([8]) ĠU L 57, tat-2.03.00, p. 28.

([9]) Il-linji ta' gwida għat-tbassir ta' l-inġestjoni djetetika tar-residwi tal-pestiċidi (riveduti), imħejjija mill-Programm ĠEMS/Fodd b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex tar-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

(8) Is-sieħba kummerċjali Komunitarji ġew ikkonsultati dwar il-livelli stabbiliti f'din id-Direttiva permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli ġew ikkunsidrati. Ma ġewx definiti livelli massimi tal-*CODEX* għar-residwi tal-*fluroxypyr*. Il-possibbiltà li jkunu stabbiliti livelli massimi tar-residwi għall-kombinazzjonijiet speċifiċi ta' pestiċida/prodott għandhom ikunu eżaminati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tas-sottomissjoni tad-dettalji aċċettabbli.

(9) L-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, b'mod partikolari l-parir u r-rakkomandazzjonijiet rigward il-protezzjoni tal-konsumaturi tal-prodotti ta' l-ikel li jkunu ttrattati bil-pestiċidi, ġew ikkunsidrati.

(10) Din id-Direttiva hija bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fil-parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE ir-ringieli li ġejjin qed jiġu miżjuda:

Residwi tal-pestiċida	Livell massimu (mg/kg)
"Fluroxypyr inklużi l-esteri tiegħu espressi bħala fluroxypyr	0,1 (P) Xgħir, ħafur, segala, *triticale* u qamħ 0,05 (*) (P) Ċereali oħrajn

(*) Tindika l-livell l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.
(P) Tindika l-livell proviżorju massimu ta' residwi b'konformità ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: il-livelli massimi proviżorji kollha ta' dawk ir-residwi tal-pestiċidi għandhom ikunu ttrattati bħala definittivi bi qbil ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva b'effett minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva."

Artikolu 2

Dan li ġej għandu jiżdied mal-parti B ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE:

Residwi tal-pestiċda	Livelli massimu (mg/kg)		
	Ta' laħam, inkluæ ix-xaħam, preparattivi tal-laħam, raċanċ u xaħmijiet kif elenkati fl-anness I fil-NM kodiċi 0201, 0202.0203,0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib L-Anness I fil-Kodiċi NM 0401 0402, 0405 00 u 0406	Tal-bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd u l-isfra tal-bajd kif elenkati fl-Anness I fil-Kodiċi NM u 0408
"Fluroxypyr	0,5 (P) ex 0206 Fwied 0,05 (*) (P) prodotti oħrajn	0,05 (*) (P)	0,05 (*) (P)

(*) Tindika l-livell l-aktar baxx tad-determinazzjoini ananalitika.
(P) Tindika l-livell massimu proviżorju tar-residwi b'konformità ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: il-livelli massimi proviżorji kollha ta' dawk ir-residwi ta' pestiċidi għandhom ikunu ttrattati bħala definittivi bi qbil ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva b'effett minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva."

Artikolu 3

Fl-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE il-kolonni intestati "Flouroxypyr", inklużi l-esteri tagħha espressi bħala "*fluorocypyr*" kif stabbiliti fl-Anness ta'din id-Direttiva huma miżjuda.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sat-28 ta' Frar 2002 l-aktar tard. Dawn għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni bihom.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-disposizzjonijiet mill-1 ta' Marzu 2002.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 25 Lulju 2001.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-massimi tal-livelli tar-residwi	Residwu ta' pestiċida u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)
	Fluroxypyr inklużi l-esteri tiegħu espress bħala spiroxamine
1. **Frott, frisk, imqadded jew mhux imsajjar, ippreservat bil-friża, li ma jkunx fih zokkor miżjud; ġewż**	0,05 (*) (P)
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU (Agrumi)	
Tronġiet	
Lumi	
Xkomp	
Mandolin (inkluża l-klementina u ibridi oħra)	
Larinġ	
Pomelos	
Oħrajn	
(ii) LEWŻ TAS-SIĠRA (bil-qoxra jew mingħajrha)	
Lewż	
Ġewż tal-Brażil	
Ġewż tal-kexju	
Qastan	
Ġewż ta' l-Indji	
Ġellewż	
Makadamia	
Pekani	
Lewż ta' l-arżnu (prinjoli)	
Pistaċċi	
Ġewż	
Oħrajn	
(iii) FROTT POME (razza tat-tuffieħ)	
Tuffieħ	
Lanġas	
Sfarġel	
Oħrajn	
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA	
Berquq	
Ċirasa	
Ħawħ (inkluża n-nektarina u ibridi simili)	
Għanbaqar	
Oħrajn	
(v) KUKKU U FROTT IRQIEQ	
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	
Għeneb tal-mejda	
Għeneb ta' l-inbid	
(b) Frawli (minbarra dak selvaġġ)	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-massimi tal-livelli tar-residwi	Residwu ta' pestiċida u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)
	Fluroxypyr inklużi l-esteri tiegħu espress bħala spiroxamine
(ċ) Frott tal-qasab (minbarra dak selvaġġ)	
Tut	
Dewberries	
Loganberries	
Ċawsli	
Oħrajn	
(d) Frott irqieq ieħor u kukku(mhux selvaġġ)	
Qerqnin	
Cranberries	
Passolina (ħamra, sewda u bajda)	
Ribes	
Oħrajn	
(e) Kukku selvaġġ u frott selvaġġ	
(vi) Mixxellanji	
Avokados	
Banana	
Tamal	
Tin	
Kiwi	
Kumkwat	
Litċi	
Mangi	
Olives Żebbuġ	
Frott tal-passjoni	
Ananas	
Rummien	
Oħrajn	
2. **Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżat jew niexef**	0,05 (*) (P)
(i) ĦAXIX TA' L-GĦERUQ U TUBERI	
Pitravi	
Zunnarija	
Krafes	
Għerq tal-mustarda	
Artiċoks	
Zfunnarija bajda	
Għerq tat-tursin	
Ravanell	
Salsafja	
Patata ħelwa	
Rapa Svediża	
Nevew	
Yam	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-massimi tal-livelli tar-residwi	Residwu ta' pestiċida u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)
	Fluroxypyr inklużi l-esteri tiegħu espress bħala spiroxamine
(ii) ĦAXIX TAL-FAXX (tal-basla)	
Tewm	
Basal	
Basal abjad	
Basal frisk	
Oħrajn	
(iii) ĦAXIX TAL-FROTT	
(a) *Solanacea*	
Tadam	
Bżar aħdar	
Brunġiel	
Oħrajn	
(b) Kukubriti bil-qoxra li tittiekel	
Ħjar	
Ħjar tal-pikles	
Qarabali	
Oħrajn	
(ċ) Kukubriti bil-qoxra li ma tittikilx	
Bettieħ	
Ilbieba tal-qara'	
Dulliegħ	
Oħrajn	
(d) Qamħirrun	
(iv) ĦAXIX TAL-BRASSIKA	
(a) Brassika tal-fjuri	
Brokkoli	
Pastard	
Oħrajn	
(b) Brassika tar-ras	
Brussel sprouts	
Kaboċċi tar-ras	
Oħrajn	
(ċ) Brassika tal-weraq	
Kaboċċi ċiniż	
Kale	
Oħrajn	
(d) Kolorabi	
(v) ĦAXIX TAL-WERQA U ĦWAWAR FRISKI	
(a) Ħass u oħrajn simili	
Krexxuni	
Ħass tal-ħaruf	
Ħass	
Scarole	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-massimi tal-livelli tar-residwi	Residwu ta' pestiċida u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)
	Fluroxypyr inklużi l-esteri tiegħu espress bħala spiroxamine
(b) Spinaċi u prodotti simili	
Spinaċi	
Weraq tal-pitravi (*chard*)	
Oħrajn	
(ċ) Krexxuni	
(d) Witluf	
(e) Ħwawar	
Maxxita	
Kurrat selvaġġ	
Tursin	
Weraq tal-krafes	
Oħrajn	
(vi) ĦXEJJEX LEGUMINUŻI (ħxejjex ta' l-imwieżat) (friski)	
Ful (bil-miżwed)	
Ful (bla miżwed)	
Piżelli (bil-miżwed)	
Piżelli (bla miżwed)	
Oħrajn	
(vii) ĦAXIX TAZ-ZOKK (frisk)	
Asparagus	
Karduni	
Krafes	
Bużbież	
Qaqoċċ	
Kurrat	
Rabarbru	
Oħrajn	
(viii) FAQQIEGĦ (fungi)	
(a) Faqqiegħ ikkultivat	
(b) Faqqiegħ selvaġġ	
3. **Ħaxix ta' l-imwieżet**	0,05 (*) (P)
Fażola	
Għads	
Piżelli	
Oħrajn	
4. **Żrieragħ taż-żejt**	0,05 (*) (P)
Żerriegħa tal-kittien	
Karawett	
Żerriegħa tal-peprin	
Ġunġlien	
Żerriegħa tal-ġirasol	
Żerriegħa tal-lift (tar-rapa)	
Fażola tas-sojja	
Żerriegħa tal-mustarda	
Żerriegħa tal-qoton	
Oħrajn	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw il-massimi tal-livelli tar-residwi	Residwu ta' pestiċida u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)
	Fluroxypyr inklużi l-esteri tiegħu espress bħala spiroxamine
5. **Patata**	0,05 (*) (P)
Patata bikrija	
Patata mwaħħra	
6. **Tè** (weraq u zkuk, imnixxfa, iffermentati jew xorta oħra, mill-weraq tal-*Camellia sinensis*)	0,1 (*) (P)
7. **Hops** (imnixxef), inklużi l-boċċi tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat	0,1 (*) (P)

(*) Tindika l-livell l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.
(P) Tindika l-livell massimu proviżorju tar-residwi b'konformità ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: il-livelli massimi proviżorji kollha għal dawn il-pestiċidi għandhom ikunu ttrattati bħala definittivi bi qbil ma' l-Artikolu 10 tad-Direttiva b'effett minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.